**30 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D.**

Frances Xavier Aquilina

*versus*

Carlo u Mary sive May konjugi Leone Ganado et

**Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 - Kunsens Affett bi Żball - Frodi**

*L-attur ittanti jinficja l-validità ta' kuntratt pubbliku għaliex il-kunsens ittieħed minħabba żball da parti ta' l-attur li ġie ndott fih minħabba frodi da parti tal-konvenut.*

*L-azzjoni kienet perenta a tenur tas-subinċiż (1) ta' l-Artikolu 1222 tal-Kap 16.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremeta:

Illi l-attur kien deher fuq kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-25 ta' Frar, 1984 hawn anness Dokument "A" fejn l-attur irċieva pagament mingħand il-konvenuta għas-saldu ta' xi djun tagħha ma' l-attur u minħabba f'hekk in-noti ta' ipoteka msemmija fl-istess kuntratt 2075/81, 4896/76, 576/81, 14242/81 u 114/83 ġew ikkanċellati;

Illi fil-kuntratt imsemmi jidher li l-attur ukoll ippospona d-

drittijiet tiegħu naxxenti min-nota ta' ipoteka numru 14349/81;

Illi ma kienx intiż ma' l-attur li dan kellu jċedi jew inaqqas drittijiet jew kawteli għajr dawk li kien ser jitħallas tagħhom u għalhekk l-attur ma ntebaħx b'li kien qed isir jew ma fehemx x'kien qed isir permezz tal-posponiment imsemmi u lanqas ma ġie spjegat lilu s-sinifikat ta' dan il-posponiment li kien jikkonċerna djun tal-konvenut John Leone Ganado garantiti mill-konvenuti Carlo u Mary Leone Ganado, u li tiegħu huwa ma kienx ser jitħallas, lanqas akkont;

Illi għalhekk il-kunsens ta' l-attur fir-rigward tal-posponiment imsemmi ttieħed minħabba żball da parte ta' l-attur li ġie indott fih minħabba frodi da parte tal-konvenut jew min minnhom meta ġie nkluż il-posponiment fuq imsemmi;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-kunsens ta' l-attur fir-rigward tal-posponiment imsemmi ttieħed minħabba żball da parte ta' l-attur li ġie indott fih minħabba frodi da parte tal-konvenut jew min minnhom meta ġie inkluż il-posponiment fuq imsemmi;

2. konsegwentement tiddikjara li l-posponiment imsemmi huwa null u bla effett fil-liġi;

3. tiffissa data, ħin u lok għall-publikazzjoni ta' l-att għall-kanċellament tal-posponiment imsemmi;

4. tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-list tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Carlo, May u John Leone Ganado li biha eċċepew:

"1. Illi stante li d-difensur ta' l-attur kien ippatrocinahom f'kawża u kwistjonijiet relatati ma' dik odjerna qed jopponu għall-fatt li qed jippatroċina lill-attur;

2. illi l-azzjoni ta' l-attur hija perenta a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili;

3. illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'xi mod illi qed jallega hu; fil-fatt huwa kien assistit minn Avukat (Dr. Albert Ganado) għall-publikazzjoni ta' l-istess;

4. illi f'kull każ l-attur tħallas ampjament tal-krediti tiegħu;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Eric Mamo nomine li biha eċċepixxa:

"1. Illi l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekorriment ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 1222 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Mingħajr prġudizzju għall-premess, illi la kien hemm żball u wisq anqas frodi billi l-attur kien konxju tal-kontenut tal-kuntratt;

3. Illi l-eċċipjenti qed jirriserva illi jaġixxi għad-danni

kontra l-attur dwar l-allegazzjonijiet defamatorji illi jagħmel fiċ-ċitazzjoni u d-dijarazzjoni tiegħu fil-konfront tal-Bank konvenut;

4. Salve eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-list tax-xhieda tal-konvenut Dr. Eric Mamo nomine;

Rat il-verbal tat-28 ta' April, 1994, li minnu jirriżulta li l-konvenuti Leone Ganado rtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom;

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Ġunju, 1994, li minnu jirriżulta li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni fuq din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

B'din l-azzjoni l-attur qed jittanta jinfiċja l-validità ta' kuntratt pubbliku "għaliex il-kunsens ta' l-attur ittieħed minħabba <u>żball</u> da parte ta' l-attur li ġie indott fih minħabba <u>frodi</u> da parte tal-konvenuti jew min minnhom". Qed jitlob li dan il-kuntratt jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi;

Il-konvenut qed jeċċepixxi qabel xejn li l-azzjoni hi perenta a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili - fil-każ tal-konvenuti Leone Ganado u a tenur ta' l-Artikolu 1222 subinċiż (1) ta' l-istess Kodiċi fil-każ tal-konvenut Dottor Mamo nomine. Fiż-żewġ eventwalitajiet il-perijodu preskrittiv hu ta' sentejn. L-ewwel disposizzjoni tapplika għall-azzjoni *indebiti solutio* biex jintalab lura dak li jkun ġie mogħti bla ma jkun dovut. It-tieni disposizzjoni tistabbilixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta'

rexxissjoni ta' kuntratt minħabba vjolenza, qerq, żball jew kawżi oħra li jivvizzjaw il-kunsens. Hi din l-aħħar disposizzjoni li tapplika għall-premessi ta' l-attur għall-fatti li taw lok għall-kawża kif deskritti minnu fid-dikjarazjoni tiegħu fiċ-ċitazzjoni;

Ġie stabbilit mill-atti illi:

1. il-kuntratt impunjat hu ddatat 25 ta' Frar, 1984;

2. iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fil-15 ta' Marzu, 1994 u nnotifikata lill-konvenuti fl-istess xahar;

3. *Ex admissis* ma sar mill-attur ebda att ġudizzjarju ieħor f'dan il-perijodu ta' għaxar snin interruttiv tal-perkors tal-preskrizzjoni;

4. Ma saret l-ebda allegazzjoni u wisq inqas xi prova illi l-attur sar jaf bl-allegata frodi li saret fil-konfront tiegħu u li skond hu, induċietu fl-iżball, f'dawn l-aħħar sentejn;

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tirriżulta għalhekk ampjament ġustifikata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara l-azzjoni attriċi perenta a tenur tas-subinċiż (1) tal-Artikolu 1222 tal-Kap. 16 u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.